MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 213/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Aquilina talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet,

obbligi jew helsien mill-obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe` billi iffalsifika diversi cekkijiet tal-BOV u tal-HSBC u kif ukoll karta tal-identita` u licenzja tas-sewqan ta' M. Hegarty, u aktar talli xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat;

b) iffalsifika cedola, polza jew ordni jew dokumenti ohra u cioe` cekkijiet tal-BOV li jindikaw akkont fittizju f'isem M. Hegarty u cekkijiet tal-HSBC fuq l-akkont ta' David Aquilina u banek ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l- kunsinna tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew minn banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli ghamel uzu mill-istess karti msemmija;

c) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qliegh ta' Lm1103.75c ghad-dannu tal-BOV, HSBC, Joseph Busuttil, David Aquilina, M. Hegarty u diversi persuni ohra;

d) xjentement laqa' ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom;

e) bhala persuna mhux awtorizzata ghamel xi marka jew dhul fuq, jew hassar, ikkancella, biddel, jew issostitwixxa xi marka jew dhul maghmul fuqha, jew xorta ohra hassar jew iddistrugga l-karta tal-identita` ta' Mark Lino Hegarty u aktar talli kien fil-pussess tal-imsemmija karta tal-identita` ghamel uzu minnha;

f) sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor b'xi dokument mahsub ghal xi

awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;

g) ikkommetta serq ta' diversi cekkijiet mahruga mill-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' J. Busuttil u cekkijiet mahruga mill-HSBC fuq l-akkont ta' David Aquilina, u J. Busuttil u persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-persuna u bix-xorta tal-haga misruqa;

h) u aktar, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` P.S. 175 George Pace u P.C. 179 Raymond Aquilina, filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

i) u aktar, safa recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 21/04/1998, 03/06/1998 u 27/10/1998, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Aquilina hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu ghajr l-akkuza (g) li minnha lliberatu, u kkundannatu ghal sentejn u nofs (2 1/2) prigunerija; inoltre ordnat illi l-imsemmi Joseph Aquilina jhallas is-somma ta' elf mija u erba' w hamsin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1154.75c) lill-kwerelanti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Aquilina pprezentat fit-30 ta' Gunju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati ta' serq, tikkonfermaha dwar il-htija dwar it-truffa, tirrevokaha dwar ir-reati tal-falsifikazzjoni u ricettazzjoni, tirrevokaha dwar ir-reat ta' dikjarazzjoni falza u dwar l-attakk u rezistenza, tirrevokaha dwar il-kundanna tar-rizarciment u fi kwalunkwe kaz tirriformaha dwar il-piena billi taghti piena li taghmel ghall-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ma applikatx l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 sabiex tiddikjara illi r-reati addebitati lilu fil-paragrafi (a), (b), (d) u (e) servew bhala mezz ghall-fini tar-reat ta' truffa kontemplat mill-prosekuzzjoni fil-paragrafu (c); (2) ir-reat taht il-paragrafu (f) huwa l-*falso ideologico* u mill-provi ma jirrizultax li kien hemm xi dokument mehtieg minn awtorita` pubblika li fih l-appellant iddikjara l-falz; (3) ir-reat ta' attakk u rezistenza taht il-paragrafu (h) ma jirrizultax ghax kliem ingurjuz jew ta' theddid waqt l-esekuzzjoni tal-ligi jew minhabba li tkun giet esegwita l-ligi jammonta ghar-reat imsemmi fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali; (4) id-dannu ma jistax ikun tat-total izda wiehed irid jara l-oghla okkazjoni; (5) l-ewwel Qorti ma setghetx tordna lill-appellant ihallas rizarciment.

Permezz ta' l-ewwel aggravju l-appellant isostni illi ghalkemm il-prosekuzzjoni qasmet il-fatti b'diversi reati, ghalihom japplika dak li hemm previst fl-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali u cioe` li kollha kienu mezz ghall-fini tar-reat ta' truffa. L-akkwist tac-cekkijiet u l-karta ta' l-identita`, segwita mill-falsifikazzjoni, kollha kienu mibnija pass wara l-iehor ghall-fini finali li jkun hemm ir-reat ta' truffa. Ghalhekk, jghid l-appellant, il-principju tal-ligi kriminali kellu japplika ghar-reati mmarkati bl-ittri (a), (b), (d) u (e) li kollha kienu marbuta mar-reat markat bl-ittra (c).

Minn ezami li l-Qorti ghamlet tal-fatti, hija tal-fehma li l-appellant ghandu ragun. L-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 pero` jipprovdi illi "meta zewg reati jew izjed, li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat sew semplici, ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi". Minghajr ma tigi kkunsidrata l-applikabilita` ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9, il-piena l-aktar gravi fil-kaz odjern hija dik dwar l-imputazzjoni bl-ittra (e) skond il-provvedimenti tal-Kap. 258 fejn il-piena hi ta'

prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn sentejn u mhux izjed minn hames snin.

Kwantu ghat-tieni aggravju, l-appellant jghid illi l-imputazzjoni bl-ittra (f) ma tirrizulta minn imkien. Jghid illi dan hu r-reat maghruf bhala l-*falso ideologico*, meta l-persuna waqt li timla att awtentiku u pubbliku u li hu mehtieg mill-awtorita` pubblika, taghmel kollox regolari formalment izda tkun qed tigdeb f’dak li qed jitnizzel. F’dan il-kaz ma jirrizultax li kien hemm xi dokument mehtieg minn awtorita` pubblika li fih l-appellant iddikjara l-falz.

Kif intqal fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** fis-17 ta’ Ottubru 1997:

**“Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b’dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun ffalsifikat biss fis-sustanza u cjoe` fil-kontenut ideali tieghu (ara Antolisei, F. Manuale di Diuritto Penale – V.VI, n. 2296 – 829). Ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin *‘non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero’*. Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta’ falsita` jkun hemm document kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta’ fatti jew dikjarazzjoni ta’ volonta` (Antolisei, F. *op, cit.*, p. 594). S’intendi, b’kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta’ nies. Il-kitba f’dan is-sens tista’ ssir kemm bl-id kif ukoll b’mezzi mekkanici, b’mezz indelibbli jew li jista’ jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista’ jiehu imqar**

**temporanejament il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, ecc."**

Fil-kaz in ezami, l-appellant jammetti li ghamel ritratt tieghu fuq il-licenzja tas-sewqan u fuq l-karta ta' l-identita` ta' certu Mark Hegarty. Dan zgur ma jikkostitwix il-falz ideologiku kif fuq spjegat u ghalhekk dan l-aggravju sejjer jigi milqugh.

Kwantu ghat-tielet aggravju, l-appellant ukoll ghandu ragun.

**P.S. 175 George Pace** xehed[1] illi fil-25 ta' Awissu 2000 mar l-ghassa ta' Bormla flimkien ma' P.C. 179 Raymond Aquilina sabiex jarrestaw lill-appellant ghax riedet tkellmu l-Ispettur Helga Debono. *"F'hakka t'ghajn"*, jghid dan ix-xhud, *"irrezista lill-kuntistabbli … ghax kien hemm xi misunderstanding bejniethom"*. Jghid illi l-appellant ma ried imur maghhom bl-ebda mod ghax allega li l-imsemmi kuntistabbli kien qabad sieq il-mara ta' l-appellant, izda mbaghad ipperswadewh u dahhluh l-ghassa Bormla.

**P.C. 179 Raymond Aquilina** xehed[2] illi fil-25 ta' Awissu 2000 mar ma' P.S. 175 George Pace l-ghassa ta' Bormla biex jarrestaw lill-appellant. Hareg biex idur ftit mal-blokk biex jara jekk jarax lill-appellant u sabu wara l-ghassa. Kellmu u qallu biex imur sa l-ghassa. L-appellant qallu li ghandu l-gharusa fil-karrozza u ser imur jixtrilha xi pilloli ghax kienet ma tiflahx. Marru fejn il-karrozza u x-xhud rikeb mieghu. L-appellant qallu: "Mela imxi ha mmorru l-ghassa" u marru l-ghassa. Quddiem l-ghassa, l-appellant, kif kien niezel mill-karrozza, hareg kartiera mill-but ta' wara u tah lill-gharusa tieghu. Ix-xhud talabha ittieh il-kartiera izda hi zammitha bejn irkobbitha. L-appellant beda jghidilha biex ma ttiehx il-kartiera, ghaddew xi mumenti jillitikaw imbaghad l-appellant qabad il-kartiera u telaq jigri. Ftit hin wara, l-appellant irritorna l-ghassa, hargu x-xhud u s-surgent biex jarrestawh. Skond ix-xhud, l-appellant "beda jirrezisti l-arrest fil-prezenza tas-surgent,

[1] Seduta tas-7 ta' Marzu 2001 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (a fol. 92 u 93).
[2] Seduta ta' l-4 ta' Mejju 2001 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (a fol. 109 – 115).

u b'battibekki minn hawn u minn hemm irnexxielna ndahhluh l-ghassa u gie arrestat". L-appellant allega li kienu laqtu lill-gharusa tieghu meta fil-fatt kien hu li laqatha bil-mod kif beda jxejjer idejh. Wara l-arrest l-appellant hedded li "din mhix ser tieqaf hawn, inpattihielek".

L-artikolu 96 tal-Kap. 9 li tahtu l-appellant gie akkuzat, jikkontempla dizguntivament l-attakk u r-rezistenza. Biex ikun hemm ir-reat, ir-rezistenza hija bizzejjed basta dejjem li tkun akkompanjata almenu b'"vie di fatto" (*"active force"*).

Fil-kaz in ezami, mix-xiehda ta' P.S. 175 u ta' P.C. 179 ma jirrizultax illi kien hemm rezistenza kif kontemplat fil-ligi izda "battibekki" minhabba dak li kien qieghed jallega l-appellant, iva forsi b'tixjir ta' l-idejn, izda mhux bl-ezercizzju ta' forza fizika kontra l-istess pulizija.

Ghalhekk it-tielet aggravju jimmerita li jigi milqugh.

Kwantu ghar-raba' aggravju, l-appellant jghid illi meta jkunu saru diversi atti fi zminijiet differenti anke qrib xulxin, id-dannu ma jistax ikun tat-total izda wiehed irid jara l-oghla okkazjoni u jintrabat bir-reat kontinwat b'dan illi skond l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, iz-zieda fil-piena hija diskrezzjonarja.

Fil-fatt, u kif anke gie accettat mill-abbli prosekutur, il-pozizzjoni hi li f'kaz ta' diversi reati kontra l-patrimonju li jaghmlu reat wiehed kontinwat, ghall-finijiet tal-valur ghandu jitqies il-valur ta' dak ir-reat li hu l-akbar fost il-valuri l-ohra. Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Salvu Depares** deciz fis-6 ta' Marzu 1954 (Vol. 38C.iv.822) il-kompjant Onor. Imhallef William Harding qal hekk:

**"L-Imhallef sedenti jahseb li din it-teorija hi gusta; mhux biss ghaliex tevita l-inkongruwita` fuq imsemmija [skond it-teorija tal-Carrara u li giet abbraccjata mill-Ewwel Qorti, li, avolja jkun hemm il-karattri kollha tal-kontinwita`, din tigi eskluza fuq konsiderazzjoni ghal kollox estranea - dik tal-piena],**

**imma anki ghaliex, ga ladarba r-reat kontinwat jipotizza konkors 'sui generis', hu xieraq li fid-determinazzjoni tal-valur tigi segwita, 'mutatis mutandis', ir-regola li hemm fl-inciz (h) ta' l-art. 19 Kap 12 [illum 17(h)]. F'dak l-inciz, f'kaz ta' diversi reati intizi ghall-kommissjoni ta' reat iehor, tigi applikata, stante l-assorbiment, il-piena l-aktar gravi. Hekk, l-istess fir-reat kontinwat, fejn diversi reati, stante l-unicita` tar-rizoluzzjoni, jitqiesu reat wiehed, il-valur ghandu jitqies dak li hu l-akbar."**

Fil-kaz odjern, jirrizulta illi f’kull kaz l-appellant ghamel qligh bl-ghemil qarrieqi f’somma ta’ aktar minn hamsin lira u mhux aktar minn hames mitt lira. Ghalhekk, skond il-ligi vigenti meta sehhew ir-reati in kwistjoni (ara artikolu 310(1)(b) tal-Kap. 9), meta l-ammont tal-hsara kien ta’ "aktar minn hamsin lira u mhux aktar minn hames mitt lira, il-piena tizdied bi grad”.

Bhalma gie osservat aktar ‘il fuq, pero`, meta saru l-konsiderazzjonijiet opportuni dwar l-ewwel aggravju, gie rilevat illi l-piena minima ghall-imputazzjoni kontemplata fil-paragrafu (e) hija ta’ sentejn, u dan minghajr applikazzjoni ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9. Inoltre, kieku din il-piena minima kellha tizdied bi grad minhabba r-recidiva, din kellha titla’ ghal tliet snin mentri l-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet dik ta’ sentejn u nofs. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni sabiex tvarja l-piena nflitta mill-ewwel Qorti.

L-appellant fl-ahharnett jghid illi l-ewwel Qorti ma setghetx tordna r-rizarciment. Meta nghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti effettivament dan ma kienx possibbli hlief f’kaz li tinghata sentenza sospiza ta’ prigunerija jew f’kaz li jigu applikati l-provvedimenti tal-Kap. 446. Illum is-sitwazzjoni hija differenti peress bis-sahha ta’ l-Att XVI ta’ l-2006 gie introdott l-artikolu 532A fil-Kap. 9 li permezz tieghu d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 24 tal-Kap. 446 ghar-rigward is-setgha tal-Qorti li tordna lill-hati jhallas id-danni ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* kull meta jigri li persuna tinghata sentenza wara li tkun instabet hatja ta’

delitt. L-aggravju ta' l-appellant f'dan il-kaz ghalhekk sejjer jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi:
Tiddeciedi billi tilqa' l-appell in parte u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet (f) u (h) u in kwantu kkundannatu ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,154.75 lill-kwerelanti, u minflok tiddikjarah mhux hati ta' l-imputazzjonijiet (f) u (h) u minnhom tilliberah u, filwaqt illi tiddikjara illi l-imputazzjonijiet (a), (b), (d) u (e) servew bhala mezz biex jigi kommess ir-reat fl-imputazzjoni (c), tikkonferma s-sentenza fil-kumplament. Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex ikompli jipprovdi lill-appellant l-ghajnuna kollha li jehtieg minhabba l-problema ta' abbuz ta' droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------